## Qorti tal-Magistrati (Malta)

## Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Francesco Depasquale LL.D., LL.M. (IMLI)

**Il-Pulizija.**
**(Spettur Carlos Cordina)**

**Vs**

**Matthew Piscopo**

Illum 18 ta' Settembru, 2016.

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjoni migjubha kontra Matthew Piscopo ta' 41 sena, iben il-mejjet John u Antonia xebba Spiteri, imwieled Pieta` nhar id-9 ta' Dicembru, 1974 u residenti no. 22, Flat 2, Triq Sant' Anna, Furjana detentur tal-karta ta' l-identità bin-numru 068675M.

Talli nhar it-18 ta' Settembru, 2016, kiser il-kundizzjonijiet tal-Helsien mill-Arrest impost fuqu mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati, hekk preseduta mill-Magistrat Dott. Aaron Bugeja LL.D., li inghatat fit-2 ta' Ottubru, 2015 u cioè dik li kellu ***jirtira gewwa residenza mhux izjed tard mid-21:00 ta' filghaxija u ma johrogx qabel is-07:00 ta' filghodu;***

Il-Qorti hija mitluba li f' kaz ta' htija tirrevoka l-helsien mill-arrest ta' l-imsemmi Matthew Piscopo u tordna l-arrest mill-gdid ta' l-imsemmi imputat kif ukoll tornda li s-somma ta' €5,000 garanzija personali imposta mill-istess Qorti jghaddu favor il-Gverna ta' Malta kif stipulate fl-Artikolu 579 (2) (3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet l-ammissjoni;

Il-Qorti tat zmien lill-akkuzat sabiex jerga jikkonsidra l-ammissjoni u ghal darb' ohra huwa rega kkonferma l-ammissjoni;

Rat il-Ligi senjatament l-Art. 579 (2) (3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

In vista ta' tali ammissjoni, il-Qorti qieghdha ssibu hati ta' l-akkuzi kollha u filwaqt li qieghdha tirrevokalu l-beneficcju tal-helsien mill-arrest moghti lilhu fit-2 ta' Ottubru, 2015. Qieghdha tordna li l-ammont ta' €5,000 garanzija personali indikat fid-digriet fuq imsemmi ghandu jghaddi favor il-Gvern ta' Malta minnhu fih, filwaqt illi qieghdha tikkundannah piena karcerarja ta' sitt (6) xhur.

***Dr. Francesco Depasquale LL.D., LL.M. (IMLI)***
***Magistrat***

***Marisa Bugeja***
***Deputat Registratur***